MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Numru. 1391/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR RODERICK AGIUS**
**VS**
**DAVID FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

David Farrugia ta’ 31 sena, bin Joseph u Salvina nee’ Camilleri, mwieled fis- 16 ta’ Lulju 1980, residenti The Dove, Triq il- klarissi, San Giljan u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 327580M;

Talli;
1) fis- 26 ta’ Awwissu 2011 ghal habta tas- 7.00pm fi Triq San Bastjan Hal- Qormi ikkommetta serq ghad-detriment ta’ Marcus Mallia liema serq huwa kkwalifikat bil- valur li jaqbez €232.94;

2) fl- istess hin, lok u cirkostanzi sab hwejjeg Marcus Mallia li kienu naqsu lil xi persuna jew lid an kien tilef u ma gharrafx bihom fi zmien tlett ijiem lil Pulizija Ezekuttiva;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 334° tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna hlas ta' mitejn u hamsin ewro (€250) lil Marcus Mallia fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------